

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2008 — Jörg Mölling vs Europol****(Kawża F-11/08)**

(2008/C 92/104)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż***Partijiet**

Rikorrent: Jörg Mölling (L-Aja, l-Olanda) (rappreżentant: P. de Casparis, avukat)

Konvenut: Europol

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Europol ta' l-10 ta' Ottubru 2007 li ma tħallix lir-rikorrent jipparteċipa fil-proċedura ta' selezzjoni għall-kariga ta' "First officer" fit-taqsimha "drogi", kif ukoll tad-deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 li tiċħad l-ilment tiegħu.

**Talbiet tar-rikorrent**

- Tannulla d-deċiżjoni ta' l-Europol ta' l-10 ta' Ottubru 2007 li ma tħallix jipparteċipa fil-proċedura ta' selezzjoni għall-kariga ta' "First officer" fit-taqsimha "drogi", kif ukoll tad-deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 li tiċħad l-ilment tiegħu;
- tikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Frar 2008 — Wiame vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-15/08)**

(2008/C 92/105)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Valérie Wiame (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-bord ta' l-eżaminaturi tal-kompetizzjoni EPSO/AST/7/05 li tagħti lir-rikorrenti marka insuffiċjenti sabiex tiġi inkluża fil-lista ta' riżerva

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-bord ta' l-eżaminaturi fil-kompetizzjoni EPSO/AST/7/05 li tagħti lir-rikorrent marka insuffiċjenti għall-inklużjoni tagħha fil-lista tal-kandidati magħżula;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Frar 2008 — Ritto vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-18/08)**

(2008/C 92/106)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Luis Ritto (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: J. Deliens u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra ta' l-14 ta' Mejju 2007 li rrevokat il-benefiċċju tal-familja tar-rikorrent mill-1 ta' Settembru 2001 u li talbet il-ħlas lura ta' pagamenti żejda magħmula wara din id-data u l-annullament tad-deċiżjonijiet kollha li tnisslu minnha.

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra ta' l-14 ta' Mejju 2007, u dawk kollha li tnisslu minnha;
- tannulla, jekk ikun meħtieġ, id-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.